

# Ħarġa Kulturali Sqallija

Josepha Vella

Wieħed mill-għanijiet tal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial huwa li torganizza attivitajiet għall-komunità Melleħija sabiex tkompli tressaq iktar nies lejn l-Għaqda nnifisha. Kien għalhekk li s-sena l-oħra ġie l-ħsieb li norganizzaw mawra barra minn Malta u li tkun tista' ssir f'ġurnata minħabba l-ħajja impenjattiva li llum kulħadd jinsab jgħix fiha.

Mawra bħal din titlob xogħol li jmur lil hinn minn sempliċiment dak in-nhar tal-attività għaliex hemm ukoll il-preparamenti li jridu jsiru qabel u kollox irid il-ħin tiegħu. Bdejna naraw u niċċekjaw fejn nistgħu mmorru u anke l-prezzijiet. Tkellimna ma' xi aġenziji biex ġbarna l-kwotazzjonijiet u informazzjoni oħra, u kien deċiż li norganizzaw mawra fi Sqallija bi gwida magħna ġewwa postijiet tipiċi fi Sqallija. Żjara li tkun informattiva, kulturali u edukattiva imma rilassanti fl-istess ħin. Għalhekk stajna nibdew bir-reklamar tal-attività nnifisha sabiex inħajru n-nies jingħaqdu magħna għal din l-esperjenza, u kienu bosta dawk li laqgħu din l-istedina tagħna.



*Il-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ quddiem il-Katidral ta' San Nikola f'Noto.*

Il-ġurnata fl-aħħar waslet, nhar is-Sibt 25 ta' Novembru 2017. Bdejna bil-vjaġġ tagħna bil-katamaran lejn Pozzallo. Peress li tlaqna kmieni ħafna filgħodu, l-ewwel waqfa mal-wasla tagħna fi Sqallija kienet għall-kafè. U kulħadd kien b'aptitu għall-kafè u xi pasta!

Wara bqajna sejrin lejn Noto, madwar nofs siegħa vjaġġ bil-kowċ, fejn hawn il-gwida spjegatilna l-istorja tal-katidral famuż u simbolu ta' din il-belt, il-Katidral ta' San Nikola. Wieħed faċli jagħraf u jiftakar dan il-katidral mill-ammont ta' taraġ li għandu biex titla' għalih. F'Noto kien hemm ukoll min daħal fil-*Chiesa di San Carlo*, knisja oħra żgħira li kellha aċċess minn garigor dejjaq ħafna għal fuq il-kampnar tagħha b'veduti mill-isbaħ ta' Noto u tal-kampanja tal-madwar.

Il-jum ta' filghodu komplejnih bi żjara f'kantina tal-inbid tipika ta' Sqallija. Is-sidien tal-kantina dawruna fil-maħżen fejn isir il-proċess tal-ibbottiljar u wara dewquna mill-inbid tagħhom kif ukoll iż-żejt li din l-istess kantina tipproduċi. Ma nistax ma nsemmiex kemm kulħadd ħa pjaċir hawn hekk mhux biss minħabba il-prodotti tajbin li dewquna imma anke għax wieħed minn fosta, Gejtu Sultana, beda jgħanni għanjiet varji u qajjem atmosfera ta' allegrija.

Wara l-waqfa f'dil-kantina, qbadna l-kowċ lejn il-villaġġ tas-sajjieda Marzamemi. Villaġġ popolari ħafna fix-xhur tas-Sajf imma trankwill fix-xahar ta' Novembru tant li kien pjaċir timxi passejn għall-kwiet f'ġurnata mill-isbaħ. Hawn għamilna dawra ma' dan il-villaġġ ħdejn il-baħar qalb bini

antik li llum jintuża bħala ristoranti u ħwienet varji oħrajn. Int u miexi, tasal fi pjazzetta żgħira imma ħelwa, b'kappella u aktar ħwienet u ristoranti. Bqajna għall-ikla ta' nofs il-jum f'Marzamemi, fejn qattajna ftit tal-ħin flimkien nieklu u ngħidu kelma, jew tnejn!



Waqt l-ikla f'Marzamemi

Finalment il-mawra spiċċat f'Modica, belt magħrufa għaċ-ċikkulata u għad-Duomo ddedikat lil San Ġorġ mibni fuq stil barokk, li biex tasal għalih trid titla' madwar mitejn u ħamsin tarġa. Hawnhekk kulħadd kellu l-ħin liberu biex idur Modica waħdu jew mal-gwida ċajtiera u dħulija li kellna magħna. Wara waqfa qasira f'belveder b'veduta mill-isbaħ ta' Modica, qbadna t-triq lura lejn Pozzallo fejn sibna l-katamaran biex jerġa' jġibna lura Malta.

Il-kummenti li rċevejna wara din il-ġurnata kienu pożittivi ħafna minn dawk preżenti. Dan jagħti lilna Kummissjoni Żgħażagħ kuraġġ u entużjażmu biex inkomplu naħdmu dejjem iktar b'risq il-komunità u l-Għaqda għażiża tagħna.



Modica mill-belveder



Il-grupp f'Marzamemi